MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 3/2013

Rikors Numru 3/13 FDP

**Rabat Plant Limited**
**(C 4357)**

**vs**

**George Attard**
**(ID 229955M)**

Il-Bord,

Ra ir-rikors ippresentat mir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, Antoine Micallef, fl 4 ta' Jannar 2013, fejn stqarr illi huwa kien kera l-fond Flat 2, St. Paul's Flats, Triq Sir Antonio Micallef, Balzan fl 14 ta' Dicembru 1998, liema kirja ghalhekk ma hijex wahda protetta bil-Ligi u ghalhekk s-socjeta rikorrenti kellha dritt titlob ir-ripreza tal-fond. Stqarr illi l-intimat kien moruz fil-hlas tal-kera tant illi kellu kera ta' hames snin b'lura ammontanti ghal €9,400 u kien

talab lill-intimat sabiex jirrilaxxja l-pussess tal-fond rizultat ta' tali nuqqas, liema fatt baqa' ma sehhx.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lill-Bord sabiex a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap 69 tilqa t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u, filwaqt illi tiddikjara terminata il-kirja moghtija fl 14 ta' Dicembru 1998, tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' €9,400 u ghalhekk tikkundannah ihallas lill-istess socjeta rikorrenti is-somma ta' €9,400.

Ra illi kopja tar-Rikors u tal-Avviz tas-Smiegh gew notifikati lill-intimati fil 11 u 19 ta' Frar 2013 rispettivament, kif jidher a fol 9 u 10 (tergo) tal-process.

Ra illi fit 23 ta' Mejju 2013, meta ssejjhet il-kawza, deher ir-rikorrent assitit izda l-intimat, imsejjah diversi drabi, ma deherx.

Sema ix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, **Antonie Micallef**, moghtija fit 23 ta' Mejju 2013 u fis 27 ta' Gunju 2013.

Ra illi fis 27 ta' Gunju 2013 is-socjeta rikorrenti kienet iddikjarat illi l-provi taghha kienu kollha maghluqa u illi, ghalkemm il-kawza kienet differita ghall-provi kollha tal-partijiet, iddifferit il-kawza ghal 10 ta' Ottubru 2013 ghall-provi kollha ta' l-intimat.

Ra illi fl 10 ta' Ottubru 2013, l-intimat, imsejjah diversi drabi, ma deherx, u ghalhekk il-Bord iddikjara il-provi intimati bhala maghluqa u differixxa l-kawza ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidra**

Irrizulta, mix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta rikorrenti, illi kien sar ftehim privat bejn ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti u l-intimat, li kopja taghha huwa ma kellhux. Micallef jghid, bil-gurament, illi fil-bidu kien jigri wara il-hlasijiet, li kellhom isiru kull sitt xhur bil-quddiem, u

wara ftit zmien kienu ihallsuh, jew parti minnha jew kollha. Eventwalment il-pagamenti b'lura bdew jakkumulaw u ghalkemm baqa jigri warajh ghal-pagamenti, li kienu dovuti mill 14 ta' Dicembru 2007 'l quddiem, dana ma kienx hallas. Kien biss darba, f'April 2012, meta Azzopardi kien qal lill Attard li kien ser jiftahlu kawza biex jizgumbrah, illi ghaddhielu pagament ta' elf Euro. Apparti dana il-pagament, Azzopardi ikkonferma illi huwa ma ircieva ebda pagament.

## Ikkunsidra

Illi, tenut kont tal-fatt illi l-intimat, ghalkemm debitament notifikat, baqa' ma deherx u ma ipprezenta ebda risposta in difiza tieghu, l-Bord huwa kostrett illi jistrieh fuq il-provi prodotti, ghalkemm ma jistax ma jirrilevax li, ghalkemm ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti obbliga ruhu illi jesebixxi l-korrispondenza kollha li ntbghatet lill-intimat, huwa ma ghamel xejn minn dan izda ipprezenta biss prospett minnu redatt ta' kemm kien qieghda jippretendi li jithallas. Il-Bord ma jistax ma jinnutax ukoll illi is-socjeta rikorrenti ma ippresentat ebda tip ta' ftehim li sar ma' l-intimat, ghalkemm ir-rappresentant tas-socjeta rikorrenti stqarr bil-gurament illi dana kien sar bil-miktub izda ma setghax isib kopja tieghu.

Il-Bord ghalhekk ikollu jistrieh biss fuq il-gurament moghti mir-rappresentant tas-socjeta rikorrent, Antoine Micallef, liema gurament ma gie ikkorroborat minn ebda dokumentazzjoni.

## Konkluzjoni

Il-Bord,

Wara illi ra il-provi kollha prodotti, ossija ix-xhieda bil-gurament ta' Antonie Micallef.

Wara illi rat illi l-intimat, ghalkemm debitament notifikat, lanqas deher biex jikkontesta u lanqas ghamel risposta in difiza.

Jghaddi beix jaqta u jiddeciedi l-kaz billi

**Jilqa'** t-talba attrici u ghalhekk

**Jiddikjara** illi l-kirja tal 14 ta' Dicembru 1998 tal-fond Flat 2, St. Paul's Flats, Sir Antonio Micallef Street, Balzan, huwa tterminat b'effett millum u

**Jiddikjara** illi l-intimat huwa debitur lejn is-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' €9,400 rappresentanti arretrati ta' kera ghal fond mikri lill-intimat u ghalhekk

**Tikkundanna** lill-intimat sabiex jizgombra mill-fond Flat 2, St. Paul's Flats, Sir Antonio Micallef Street, Balzan fi zmien xaharejn mid-data tas-sentenza filwaqt illi tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' €9,400 rappresentanti arretrati ta' kera ghall-imsemmi fond bl-imghax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Il-Bord jawtorizza ukoll lis-socjeta rikorrenti sabiex, wara it-trapass tal-periodu ta' zgumbrament fuq imsemmi, a spejjez taghha, tipprocedi bl-izgumbrament tal-fond kif ukoll tiehu pussess ta' l-affarjiet kollha illi jinsabu gewwa tali fond.

Spejjez tal-proceduri odjerni kif ukoll tal-eventwali zgumbrament ghandhom ikunu a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------